MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 44/2013

**Emanuel sive Noel u Graziella, konjugi Formosa (bil-Karta tal-ldentita' Numru 340071M u 131078M rispettivament)**

**Vs**

**( 1 ) Ministru tal-Finanzi;**

**(2) Direttur-Generali (Taxxi Interni)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Emanuel sive Noel u Graziella, konjugi Formosa (bil-Karta tal-ldentita' Numru 340071M u 131078M rispettivament) tas-19 ta'Gunju 2013 li jaqra hekk:

1. *Illi permezz ta' kuntratt pubbliku datat 10 t'Ottubru, 2006 in atti Nutar Dottor Robert John Muscat l-esponenti kienu xtraw u akkwistaw minghand certu Mark Formosa (li mieghu l-esponenti m'ghandhom ebda rabta jew parentela ghajr illi ghandhom l-istess kunjom) il-proprjeta' immobbli konsistenti fid- duplex maisonette bla numru ufficjali u bl-isem 'Taito' (gia' bl-isem 'Mark') inkluz l-arja libera taghha u l-garaxx sottostanti bla numru ufficjali fi Triq is-Sajjieda f'Tal-Gherbulin, Mellieha soggetta*

*ghal cens annwu u temporanju ta' zewg centezmi u hames millezmi fil-valuta precedenti ghall-perjodu rimanenti (dak iz-zmien) ta' sbatax-il sena.*

2. *Illi l-esponenti kienu xtraw  u akkwistaw din il-proprejta' immobbli versu l-prezz ta' mija u erbat elef, tmien mija u wiehed u ghoxrin Ewro u tmenin centezmu (EUR 104,821 .80) [dak iz-zmien hamsa u erbghin elf lira Maltija (Lm45,000)].*

3. *Illi l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni kien ghamel assessment u ddecieda illi l-esponenti kienu obbligati li jhallsu boll u boll addizzjonali fis-somom ta' €1,164.69 u €1,164.69 rispettivament ghal total ta' €2,329.38 (Kont Numru IV119325 - IR(S) 3634/07) kif ukoll illi l-imsemmi venditur Mark Formosa kellu jhallas taxxa addizzjonali ta'€ €1,164.69 (Kont Numru IV119324- IR(S) 3635/07).*

4. *Illi ghal din id-decizjoni giet intavolata oggezzjoni izda b'decizjoni moghtija mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fit-28 ta' Lulju, 2011 tali oggezzjoni giet michuda u gie konfermat l-assessment maghmul u gie determinat illi l-esponenti ghandhom ihallsu boll u boll addizzjonali fis-somom ta'€ €1,164.69 u €1,164.69 rispettivament ghal total ta'€ €2,329.38 (Kont Numru IV119325 - IR(S) 3634/07).*

5. *Illi b'decizjoni ohra moghtija mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni f1-4 t'Awissu, 2011 giet michuda wkoll l-oggezzjoni maghmula mill-venditur Mark Formosa u giet konfermat l-assessment maghmul u determinat li l-imsemmi Mark Formosa ghandu jhallas taxxa addizzjonali ta' €1,164.69 (Kont Numru IV119324 - IR(S) 3635/07).*

6. *Illi l-esponenti mhux biss gew mitluba biex ihallsu l-boll u boll addizzjonali nflitt fuqhom bhala xerrejja fis-somom ta'€ €1,164.69 u € €1,164.69 rispettivament ghal total ta'€ €2,329.38 (u dan skond Kont Numru IV119325 - IR(S) 3634/07) izda gew ordnati li jhallsu wkoll it-taxxa addizzjonali ta' €1,164.69 inflitta fuq Mark Formosa bhala l-venditur skond Kont Numru IV119324 - IR(S) 3635/07 .*

7. *Illi l-esponenti jhossu illi din l-impozizzjoni assolutament mhijiex gusta u/jew gustifikata.*

8. *Illi qabel xejn ghandhom jigu rilevati zewg kjarfiki fattwali - (i) illi l-venditur Mark Formosa ma jigi assolutament xejn mill-esponenti u m'ghandu ebda konnessjoni maghhom, izda nzerta biss illi l-venditur u x-xerrejja (l-esponenti) ghandhom l-istess*

*kunjomu; u (ii) jidher illi d-Direttur-Generali intimat ghazel li jipprocedi kontra l-esponenti biex jigbor il-hlas tat-taxxa addizzjonali lilu dovuta mill-imsemmi Mark Formosa peress illi issa dan huwa assenti minn Malta.*

9. *Illi dan it-tieni fatt riportat fil-paragrafu precedenti xorta wahda ma jirendix tali impozizzjoni fuq l-esponenti bhala wahda gusta u/jew gustifikata.*

10. *Illi l-linja t'azzjoni mehuda mid-Direttur-Generali intimat hija msejsa fuq il-provvedimenti tal-artikolu 49 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi kif gej: "... il-persuna li titrasferixxi bi trasferiment inter vivos u dik li takkwista bit-trasferiment .... ghandhom ikunu responsabbli in solidum ghall-hlas tat-taxxa dovuta fuq dak it-trasferiment jew att ...".*

11. *Illi l-esponenti pprezentaw appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni ta' Atti Amministrattivi liema appell fl-ismijiet 'Emanuel Formosa et -vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni' (Appell Nru. 210/2011) jinsab differit ghat-22 t'Ottubru,2013.*

12. *Illi dan l-appell gie intavolat kemm mid-decizjoni moghtija mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fit-28 ta' Lulju, 2011 li permezz taghha giet michuda l- oggezzjoni maghmula mill-esponenti in rigward tal-kont mahrug lilhom u permezz ta' liema decizjoni gie konfermat l-assessment maghmul u gie determinat illi l-esponenti ghandhom ihallsu boll u boll addizzjonali fis- somom ta'€ €1,164.69 u € €1,164.69 rispettivament ghal total ta'€ €2,329.38 (Kont Numru IV119325 - IR(S) 3634/07), u kif ukoll mid-decizjoni moghtija mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-4 t'Awissu, 2011 li permezz taghha giet michuda wkoll l-oggezzjoni maghmula mill-venditur Mark Formosa u giet konfermat l-assessment maghmul u determinat li l-imsemmi Mark Formosa ghandu jhallas taxxa addizzjonali ta' €1,164.69 (Kont Numru IV119324 - IR(S) 3635/07).*

13. *Illi fost l-aggravji dedotti fl-appell interpost quddiem it-Tribunal ta'Revizjoni ta' Atti Amministrattivi kien hemm is-segwenti aggravju - "l-appellanti qeghdin jappellaw mill-fatt illi l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni qieghed jippretendi l-hlas tas-somma ta' € €1,164.69 inflitta bhala taxxa addizzjonali fuq il-venditur Mark Formosa (illi mieghu l-appellanti m'ghandhom ebda konnessjoni ghajr li ghandhom l-istess kunjom) minghand l-appellanti u dan semplicement ghaliex l-imsemmi venditur jghix*

*barra minn Malta u possibilment mhuwiex daqstant facli biex il-hlas jingabar minghandu. Certament illi l-provvediment tal-ligi illi jawtorizza lill-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni biex jigbor hlas minghand min mhuwiex dovut huwa leziv ghad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-appellanti ghalhekk jistiednu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex ma japplikax tali provvediment fil-konfront taghhom u jekk ikun il-kaz disposti li anke jitolbu riferenza kostituzzjonali fuq dan il-punt. Mhuwiex sew illi xi hadd jigi mgieghel li jhallas it-taxxa ta' haddiehor semplicement ghaliex il-Kummissarju ghandu xi ftit tad-diffikulta' biex jigbor it-taxxa hu minghand dak il-haddiehor u zgur li l-intimat ghandhom bosta izjed mezzi x'jista' jattwa biex jassigura kull hlas lilu dovut minghajr ma jirrikorri ghal dil-mizura li fl-ahhar mill-ahhar ma tikkostitwixxi xejn ghajr serq ta' flus tac-cittadin illi jigi kostrett li jhallas id-dejn u t-taxxa ta' haddiehor, xi haga verament inawdita u li tmur kontra kull principju ta' drittijiet tal-bniedem imhaddna f'socjetajiet verament demokratici ".*

14. *Illi dan il-punt gie trattat u dibattut quddiem it-Tribunal izda t-Tribunal korrettement, ghandu jinghad - esprima ruhu fis-sens illi huwa ghandu jdejh marbuta bil-ligi kif inhi llum u ma jista' jaghmel xejn ghajr li japplika l-ligi kif inhi llum u kien ghalhekk illi l-esponenti ghamlu talba (liema talba giet immedjatament akkolta) sabiex it-Tribunal ma jkomplix jisma' l-appell fil- mertu qabel ma huma jkollhom l-opportunita' illi jattakkaw dan il-provvediment partikolari tal-ligi permezz ta' rikors kostituzzjonali, kif effettivament qieghed isir.*

15. *Illi ghaldaqstant l-intimati ma jistghux u m'ghandhom iqajmu s-solita difiza illi tant thobb tigi invokata fi proceduri kostituzzjonali tan-nuqqas t'ezawriment tar-rimedji ordinarji.*

16. *Illi fil-fehma tal-esponenti huwa bil-wisq car u manifest illi d-dispozizzjoni fuq citata mill-artikolu 49(1) tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta hija leziva ghad-drittijiet fundamentali tal-bniedem 'ghaliex permezz ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi persuna tista' tigi mgieghla biex thallas taxxa li effettivament mhijiex dovuta minnha izda minn haddiehor. Dan imur kontra kull principju ta' dritt f'socjeta' li tippretendi li hija wahda hielsa u demokratika.*

17. *Illi b'mod partikolari din id-dispozizzjoni tal-ligi hija in vjolazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta'Malta u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (Kap.319 tal-Ligijiet ta'Malta).Dan ghaliex filwaqt li bl-ebda mod mhu qed jigi attakkat jew mess in dubju d-dritt li ghandu l-Istat li jezigi u jezatta dawk it-taxxi li jidhirlu xierqa pero certament li dan ma jfissirx illi l-Istat ghandu d-dritt li jcahhad lic-cittadin mill-possiedimenti tieghu billi johodlu l-flus tieghu sabiex bihom tithallas taxxa li tkun dovuta mhux minnu  izda minn terza persuna !!*

18. *Illi ghalhekk l-esponenti kienu kostretti li jipprezentaw dan ir-rikors kostituzzjonali halli anke fuq punt ta' principju jiddefendu d-drittijiet fundamentali taghhom.*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess u ghar-ragunijiet kollha suesposti, ir-rikorrenti jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghtih dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa sabiex tizgura t-twettiq favur tieghu tad-drittijiet fundamentali kontemplati fl-Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) billi, fost affarijiet ohra:*

*(i) prevja kwalsijasi dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-provvedimenti tal-artikolu 49(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta illi"... il- persuna li titrasferixxi bi trasferiment inter vivos u dik li takkwista bit- trasferiment .... ghandhom ikunu responsabbli in solidum ghall-hlas tat-taxxa dovuta fuq dak it-trasferiment jew att ... " jivvjolaw id-drittijiet fundamentali kontemplati fl-Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*(ii) konsegwentement tiddikjara illi l-esponenti m'ghandhomx jigu, mgieghla jhallsu t-taxxa addizzjonali fis-somma ta' € €1,164.69 inflitta fuq certu Mark Formosa li bieghilhom il-proprejta' immobbli fuq imsemmija, liema taxxa addizzjonali giet inflitta mill-intimat Direttur-Generali (Taxxi Interni) fuq l-imsemmi Mark Formosa permezz tal-Kont Numru IV119324 - IR(S) 3635/07; u*

*(iii) tillibera lill-esponenti kompletament minn kwalsijasi obbligu li llum huwa mpost fuqhom bil-provvedimenti tal-anikolu 49(1) tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta biex ihallsu t-taxxa addizzjonali li giet inflitta mhux fuqhom izda fuq haddiehor u cioe' fuq l-imsemmi Mark Formosa permezz tal-Kont Numru IV119324 - IR(S) 3635/07; u*

*(iv) taghti kull rimedji ohra li jidhrilha li jkun xieraq u opportun sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet kostituzzjonali tal- istess rikorrenti.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati."*

Rat li l-intimati gew notifikat bir-rikors, d-digiet  u bl-avviz tas-smiegh skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Ministeru tal-Finanzi u tad-Direttur Generali (Taxxi Interni)  tad-9 ta' Lulju 2013, (a fol. 11 et seq) li taqra hekk:

1. *Illi in linea preliminari, l-esponenti jirrilevaw li r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta'Malta, u dan stante illi l-proceduri ntavolati quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ai termini tal-Artikolu 58 tal-Kap.354 tal-Ligijiet ta' Malta (Rikors Nru 210/2011 VG fl-ismijiet* ***Emanuel sive Noel u Graziella konjugi Formosa vs. Kummissarju tat-Taxxi lnterni)*** *ghadhom pendenti quddiem l-imsemmi Tribunal u l-fatt li l-imsemmija proceduri gew differiti ghall-informazzjoni ulterjuri dwar dawn il-proceduri bl-ebda mod ma jfisser li din l-eccezzjoni ma tistax tinghata u li din l-Onorobbli Qorti hija necessorjament prekluza mill-fakolta li tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont il-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso ta' l-Artikou 4(2) tal-Kap 319 kif qed jallegaw ir-rikorrenti fir-rikors promutur;*

2. *Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suepost, l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors in risposta huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li gew u/jew qed jigu lezi d-drittijiet fundamentali taghhom kif protetti mill-Kostituzzjoni u l-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-ragunijiet segwenti li qeghdin hawn jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:*

3. *Illi l-lanjanza tar-rikorrenti marbuta mad-dritt tal-proprjeta kif imhares mill-Artikolu 1 tal-Ewwel protokoll tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta m'hijiex wahda gustifikata u dan specjalment in vista tal-fatt li ir-rikorrenti fl-ebda mument ma gew spussessati mill-gid taghhom, la bl-applikazzjoni tal-Kap 364 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas bl-ghoti ta' xi sentenza tal-Qorti;*

4. *Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, dato mo non concesso u biss ghall-grazzja tal-argument, anke li kieku stess wiehed jassumi li r-rikorrent garrab tehid ta' pussess ta' hwejgu, li mhux il-kaz, il-hlas ta' taxxi huwa specifikament eskluz mill-iskop tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

5. *Illi l-Artikolu 37 (2) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta specifikament jipprovdi li:*

> *(2)"Ebda haga f'dan l-artikolu ma ghandha tiftiehem li tolqot l-eghmil jew hdim ta' xi ligi safejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta' -*
>
> *(a) Bi hlas ta' xi taxxa, rata jew drittijiet;"*

6. *Illi mill-banda l-ohra, il-proviso tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi ukoll li:*

> *"lzda d-dispozizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' skond l-interess generali jew* ***biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra*** *jew pieni." (Enfasi mizjud)*

7. *Illi ghalhekk huwa manifest li f'kull kaz, la l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet*

*Fundamentali u lanqas l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma jistghu jigu invokati mir-rikorrenti fic-cirkostanzi odjerni;*

8. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jirrilevaw li l-obbligazzjoni mposta fuq ir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ammont dovut kemm minnhom bhala kompraturi u kemm minn Mark Formosa bhala venditur hija gustifikata u ma hemm xejn leziv ghad-dritt tar-rikorrenti ghad-tgawdija tal-proprjeta taghhom fl-Artikolu 49(1) tal-Kap 364:*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l- Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt peress li ma jirrizulta ebda ksur tal-Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni ta'Malta jew tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet ta' Emanuel sive Noel u Graziella konjugi Formosa tal-20 ta' Marzu 2014 (a fol. 101 et seq);
Rat in-nota ta'sottomissjonijiet ta' tal-Ministru tal-Finanzi u tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) tat-30 t'April 2014 (a fol. 111 et seq);

Rat id–dokumenti u l-atti kollha ezebiti fil-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mix-xhieda ta' Emanuel sive Noel Formosa –vide affidavit a fol. 81 et seq.- jirrizulta illi permezz ta' kuntratt pubbliku datat 10 t'Ottubru 2006 fl-atti tan-Nutar Dr. John Muscat huwa xtara u akkwista minghand Mark il-proprjeta' immobbli konsistenti fid-duplex maisonette bla numru ufficjali u bl-isem 'Taito' inkluz l-arja libera taghha u l-garaxx sottostanti bla numru ufficjali fi Triq is-Sajjieda f'Tal-Gherbulin, Mellieha soggetta ghal cens annwu u temporanju

ta' zewg centezmi u hames millezmi fil-valuta precedenti ghall-perjodu rimanenti (dak iz-zmien) ta' sbatax-il sena; u dana versu l-prezz ta' mija u erbat elef, tmien mija u wiehed u ghoxrin Ewro u tmenin centezmu (EUR 104,821 .80) [dak iz-zmien hamsa u erbghin elf lira Maltija (Lm45,000)].

Jirrizulta illi l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni kien ghamel assessment u ddecieda illi l-attur kienu obbligati li jhallsu boll u boll addizzjonali fis-somom ta' €1,164.69 u €1,164.69 rispettivament ghal total ta' €2,329.38 (Kont Numru IV119325 - IR(S) 3634/07) waqt li l-venditur Mark Formosa kellu jhallas taxxa addizzjonali ta' €1,164.69 (Kont Numru IV119324- IR(S) 3635/07).

Minkejja oggezzjoni maghmula mill-attur u Formosa, l-Kummissarju tat-Taxxi Interni fit-28 ta' Lulju, 2011 ikkonferma l-assessment maghmula fl-ammont gia fuq indikati.

Illi minn din id-decizjoni l-attur intavola appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni Amministrattiva li ghadu pendenti.

Ir-rikorrenti sostna illi minhabba l-fatt illi Mark Formosa kien emigra l-Awstralja minghajr ma ghamel il-hlas tat-taxxa dovuta il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ordna lill-attur ihallas dak dovut minn Mark Formosa. Huwa ghal-din it-taxxa dovuta minn haddiehor illi r-rikorrent qieghed jimmira l-lanjanzi kostituzzjonali tieghu u jinvoka il-ksur tal-Artikolu tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali (Kap. 319 tal-Ligijiet ta’Malta).

Minn naha taghhom l-intimati ezebew diversi dokumenti illi juru illi l-vertenza tikkoncerna taxxa addizjonali wara l-istima tal-perit Xerri mibghut mill-Gvern li sab li l-valur tal-proprjeta’ mibjugha kienet dik ta’ 60,000 u mhux l-ammont ta’ 40,000 indikat bhala prezz fil-kuntratt ta’ bejgh tal-proprejta’ rilevanti – vide Dok. DG2 illi kien ghalhekk illi id-Direttur Generali Taxxi Interni hareg fuq il-valur addizzjonali taxxabbli avviz ta’ likwidazzjoni f’ammont ta’ 1,500 ghar-rikorrenti u 750 ghal-venditur Mark Formosa – vide Dok. DG 3 u 4. Illi kemm il-venditur i kif ukoll ix-xerrej cioe’ kemm ix-xerreja kif ukoll il-venditur intavolaw oggezzjoni ghall-avviz tal-liwidazzjoni – vide Dok. DG5 u 6. Illi l-istima tat-taxxa addizjonali giet konfermata – vide Dok. DG11 u 12. Illi fit-13 ta’Settembru 2011 gie

intavolat Appell miz-zewg avvizi ta’ rifjut quddiem it-tribunal tar-revizjoni amministrattiva li ghadu pendenti.

**Ikkonsidrat:**

Illi in linea preliminari l-intimati issolevaw eccezzjoni li r-rikorrenti ma kienux ezawrew ir-rimedji ordinarji ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan stante illi l-proceduri ntavolati quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ai termini tal-Artikolu 58 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta (Rikors Nru 210/2011 VG fl-ismijiet **Emanuel sive Noel u Graziella konjugi Formosa vs. Kummissarju tat-Taxxi lnterni**) ghadhom pendent quddiem l-imsemmi Tribunal.

Minn naha l-ohra r-rikorrenti rrebadew illi lanjanza ta natura kostituzzjonali ma tistghax tigi trattata jew deciza mill-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva, u ghalhekk l-eccezzjoni preliminari tal-intimati ghandha tigi michuda.

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti tqis illi apparti l-fakolta residwali li tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont il-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso ta' l-Artikolu 4(2) tal-Kap.319, il-Qorti tifhem illi r-rikorrenti ghandhom quddiem it-Tribunal, il-kwistjoni fuq il-meritu - u cioe illi l-ewwel stima kienet dik korretta u ma kienx hemm lok ghat-taxxa addizzjonali - ghadha wahda mill-materji li trid tigi deciza mit-Tribunal

Huwa inkontestat li proceduri ta natura kostituzzjonali huma l-eccezzjoni mhux ir-regola, u ghandhom jigu ntavolati meta c-cittadin jkun ezawrixxa ir-rimedji li taghtih l-ligi ordinarja.

llli sikkome ghadha pendenti il-kwistjoni fuq il-meritu dwar il-taxxa addizzjonali, liema materja ghada pendenti quddiem l-imsemmi Tribunal, dejjem jibqa' l-possibilita li l-imsemmi Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fil-mertu,bil konsegwenza li r-rikorrenti ma jkollhom ebda interess guridiku fil-proceduri odjerni.

Apparti dana, anke in pessima ipotesi jekk t-Tribunal jichad it-talbiet tar-rikorrenti fil-mertu, r-rikorrenti ghandu ir-rimedju ulterjuri  u cioe dritt t’ appell mid-decizjoni tat-Tribunal quddiem il-Qorti tal-Appell ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 364.

Infatti skond l-insenjament moghti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Fenech vs. L-Awtorita' tal-lppjanar**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-**9 ta' Novembru 2012** (Appell Civili Numru 3612001/l) il-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju xieraq, effettiv u prattiku sabiex jimpunja l-Ordni quddiem il-Bord tal-Appelli tal-lppjanar, u ghalhekk il-Qorti qiset intempestivi l-proceduri kostituzzjonali.

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma illi t-talbiet tar-rikorrenti huma intempestivi.

Din il-Qorti pero tqis illi ghandha niente di meno tezamina l-meritu tal-kaz odjern.

Jidher illi l-lanjanza tar-rikorrenti huwa marbut mad-dritt ta’ proprjeta kif salvagwardat mill-Artikolu I tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal- Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta Malta .

Ghalhekk din il-Qorti ghandha tezamina jekk kemm -il darba r-rikorrenti  gew spussessati mill-gid taghhom, bl-applikazzjoni tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta.
L-Artikolu 49 (1)tal-Kap.364 jipprovdi;

> ***“Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 50, il-persuna li tittrasferixxi b’trasferiment inter vivos u dik li takkwista bit-trasferiment, u meta t-trasferiment jiġi magħmul b’att pubbliku jew fil-każ ta’ dikjarazzjoni magħmula skont l-artikolu 33, in-nutar li jippubblika l-att relattiv, għandhom ikunu responsabbli in solidum għall-ħlas tat-taxxa dovuta fuq dak it-trasferiment jew att:***
>
> ***Iżda:***
>
> ***(a) l-obbligu tan-nutar li jippublika dak l-att ikun limitat għat-taxxa dovuta fuq dak it-trasferiment stabbilit fuq il-bażi ta’:***

*(i) id-dikjarazzjonijiet magħmula skont l-artikolu 32(4)(d), tal-artikolu 33(3) u tal-artikolu 35 meta magħmula għal finijiet ta' xi eżenzjonijiet mit-taxxa mogħtija taħt dak l-artikolu, fejn japplika;*

*(ii) il-valur dikjarat fil-kuntratt;*

*(iii) il-penalitajiet maħsuba fl-artikoli 50 u 51; u*

*(iv) kull riżultat stabbilit jew indikat permezz ta' xi portal elettroniku għas-sottomissjoni tat-taxxa li għandha titħallas fuq kuntratti pubbliċi, sakemm tiġi sottomessa minn dak in-nutar l-informazzjoni korretta dwar kif jinkiseb dak ir-riżultat;*

*(b) in-nutar ikollu privileġġ speċjali dwar it-taxxa li għandha titħallas u li tkun tħallset minnu fuq xi trasferiment jew dikjarazzjoni magħmula b'att pubbliku, fuq il-proprjetà trasferita; Kap. 16. Il-privileġġ speċjali mogħti b'dan l-artikolu għandu jkun reġistrat min-nutar fi żmien xahrejn mid-data ta' dak l-att u għandu jkollu l-istess preferenza bħall-privileġġi maħsuba fl-artikolu 2010(ċ) tal-Kodiċi Ċivili;*

*(ċ) it-taxxa dovuta fuq ċedola ta' fidwa ta' ċens għandha titħallas mill-enfitewta; u*

*(d) it-taxxa dovuta fuq il-memorandum ta' xi bejgħ bl-irkant għandha titħallas mill-irkantatur, u x-xerrej ma jkunx intitolat li jieħu dak il-mobbli jekk l-ammont hekk imħallas ma jingħatax lura lill-irkantatur."*

Huwa palezi illi dan l-artikolu ma jistghax jitqis bhala mizura ta' tehid ta' proprjeta, izda mizura ghall-hlas ta' taxxa u ta' taxxa addizzjonali skond id-dettami tal-Kap.354. Illi in oltre r-rikorrenti dejjem ghandu d-dritt li jezigi hlas minn ghand dik it-terza persuna, fil-kaz odjern - Mark Formosa.

Il-Qorti taghmel accenn ghall-fatt illi, l-hlasijiet ta' taxxi huma specifikament eskluzi mill-ambitu tal-Artikolu I tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Illi infatti, il-proviso tal-Artikolu I tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi:

> ***"Izda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt tal-Istat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni."***

Dan hu pjanament refless ukoll fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jipprovdi fis-subinciz (2):

> ***"Ebda haga f'dan l-artikolu ma ghandha tiftiehem li tolqot l-eghmil jew il-hdim ta' xi ligi sa fejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta' -***
>
> ***(a) Bi hlas ta' xi taxxa, rati jew drittijiet;"***

Huwa kwazi superfluwu li jinghad izda fil-kaz in ezami din il-Qorti tqis illi ghandha d-dmir li tefasizza, illi gbir tat-taxxi, rati, kontribuzzjonijiet ghall-Istat jirraprezenta funzjoni mill-aktar kardinali il-ghaliex fin-nuqqas, l-Istat jirrendi ruhhu inkapaci li jonora l-istess doveri tieghu qua Gvern, ghal dak illi jirrigwarda hlas ta' pagi, pensjonijiet, beneficji socjali u it-tmexxija ta' sptartijiet u ta' skejjel - u dana biex jissemmew biss uhud mid-doveri tal-Gvern.

Illi dan il-bzonn reali u gravi gie rikonoxxut mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tad-Bniedem fid-decizjoni fl-ismijiet **Gasus Dosier-Und- .Fordeartechnik GmbH vs. The Netherlands** deciza fit- **23 ta' Frar 1995**:

> **"the second paragraph of Article I (Pl-l), that paragraph explicitly reserves the right of the Contracting States to pass such laws as they may deem necessary to secure the payment of taxes. The importance which the drafters of the Convention attached to**

**this aspect of the second paragraph of Article I (Pl-l) may be gauged from the fact that at a stage when the proposed text did not contain such explicit reference to taxes, it was already understood to reserve the state's power to pass whatever fiscal laws they considered desirable ...................."**

**"The Court notes at the outset that the grant to the tax authorities of a power to recover tax debts against goods owned by certain third parties - such as a seller of goods who retains his title - does not in itself prompt the conclusion that a fair balance between the general interest and the protection of the individual's fundamental rights has not been achieved. The power of recovery agianst goods which are in fact in a debtor's possession although normally owned by a third party is a not uncommon device to strengthen a creditor's position in enforcement proceedings; it cannot be held incompatible per se with the requirements of Article I of Protocol No. I (Pl-l). Consequently, a legislature may in principle resort to that device to ensure, in the general interest, that taxation yields as much as possible and that tax debts are recovered as expediciously as possible. Nonetheless, it cannot be overlooked that, quite apart from the dangers of abuse, the character of legislation by which the State creates such powers for itself is not the same as that of legislation granting similar powers to narrowly defined categories of private creditors. Consequently, further examination of the issue of proportionolity is necessary in this case.**

Vide wkoll id-decizjoni tal-istess Qorti Ewropea fl-ismijiet **Spacek, s.r.o vs. The Czech Republic** deciza fid-**9 ta' Novembru 1992**.

Fil-kazijiet ta' din ix-xorta, il-Qorti Ewropea u dawn il-Qrati f'Sede Kostituzzjonali, dejjem mxew fuq il-principji ta' ragonevolezza u proporzjonalita'.

Illi ghaldaqstant il-Qorti tqis illi qabel ma jittiehed mizura ta' din ix-xorti u cioe' illi taxxa tigi ezatta minn terza persuna, l-Kummissarji tat-Taxxi Interni ghandu jaghmel l-almu tieghu biex ifittex u jinrintracca l-persuna li verament kienet responsabbli ghall-hlas tat-taxxa jew taxxa addizzjonali. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghandu jkun f'posizzjoni li juri b'mod tangenti, l-passi kollha illi ha fit-tfixxija tieghu ghall-persuna propjiza. Ghandu wkoll jkun f' qaghda li juri illi huwa wettaq ricerka fuq il-proprjeta mobbli u immobbli tal-persuna li attwalment kienet responsabbli ghal hlas ta' taxxa jew taxxa addizzjonali u dana kollu **qabel** ma jipprocedi biex jesigi taxxa minn terza persuna.

Illi minkejja dana kollu, din il-Qorti, hi tal-fehma illi ma jirrizultax fil-kaz in ezami, vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tal-bniedem protett mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali

Illi ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati, u tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lit-Tribunal ta' Revizjoni ta' Atti Amministrattivi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------